# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Kumpless Umberto Calosso

Triq il-Kbira San Ġużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664

E-Mail: santavenera.lc@gov.mt

Web page: http://www.stvenera.gov.mt


10/16

**Minuti tal-għaxar laqgħa tas-sittax–il sena tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta 27 ta' Ottubru 2009, fis-6pm.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sinjura Elizabeth Vella | - | Sindku |
| | Is-Sur Horace J Anastasi | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Cleaven Christian Bugeja | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Cassar | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Mistiedna: | Is-Sinjura Romina Perici Ferrante | - | Accountant |

1.0 Item 1: Talba

1.1 Il-laqgħa infetħet b'talba qasira mis-Sindku.

**2.0 Item 2: Qari u approvazzjoni tal-minuti**

2.1 Il-minuti tad-29 ta' Settembru 2009 ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati kif koreġuti.

2.1.1 Minuta 3.5: L-aħħar sentenza tinqara: 'Is-Sur Anastasi iddikjara li ma kienx hu żfur li kixef l-identita tas-Sur Sultana.'

2.1.2 Minuta 3.1.13: Flok il-kelma 'Is-Sindku' jitniżżel 'Is-Sur Sultana'.

2.1.3 Minuta 4.1.1 l-ewwel paragrafu: Flok il-kelma 'ċittadin' jitniżżel 'Horace Anastasi'.

2.1.4 Minuta 4.1.1 ir-raba paragrafu: Addenda 'Is-Sur Anastasi ikkummenta li ma kienx hemm xejn bil-miktub'.

2.1.5 Minuta 6.4: Addenda 'Is-Sinjuri Anastasi u Sultana iddikjaraw li kienu skużati'.

2.2 Il-minuti tal-15 ta' Ottubru 2009 ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati kif koreġuti.

2.2.1 Minuta 2.5: Addenda 'Is-Sur Anastasi ġibed l-attenzjoni li fil-Linji Gwida hemm il-kelma 'tista' allura mhux obbligu u qabel mas-Sur Sultana dwar l-irċevuta'.

2.2.2 Minuta 2.8: Fuq intervent tas-Sur Anastasi, il-Kunsill qabel li jikkonferma din il-minuta wara li jinstemha t-tape.

2.2.3 Minuta 2.9: Flok il-kelma 'Is-Sur Anastasi' jitniżżel 'Is-Sur Formosa'.

3.0 Item 3: Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti

3.1 Mill-minuti tad-29 ta' Settembru 2009.

3.1.1 Minuta 3.4: Fuq mistoqsija tas-Sur Sultana, is-Sur Anastasi qal li l-laqgħa ma saretx għax meta fthiem mal-avukat fil-Kumitat Konġunt, l-avukat ir ċieva telefonata u kellu jitlaq. Is-Sur Sultana ikkummenta li l-istorja twalet sew. Is-Sindku talbet lis-Sur Anastasi jikkonkludi sal-laqgħa li jmiss.

3.1.2 Minuta 5.1: Is-Sur Anastasi xtaq jispeċifika li fl-iskart goff kien hemm ukoll skart ieħor.

3.1.3 Minuta 9.1: Is-Sur Briffa kompla tagħti aktar dettalji fuq l-attivita. Il-Kunsill approva il-ħlas tat-trasport għal grupp stranġieri li se jiġu jzuru l-attivita fuq inizjattiva tal-Kunsill Lokali Senglea.

3.1.4 Minuta 9.2: Fl-assenza tas-Sur Camilleri, is-Sur Anastasi qal li minkejja li l-attivita kienet suċċess, kien hemm nuqqas ta' reklamar.

3.1.5 Minuta 9.3: Is-Sindku qalet li l-Fiera tal-Għasel se ssir fis-7 u fit-8 ta' Novembru 2009 minflok fil-15 ta' Novembru 2009. Dan minħabba li fil-15 ta' Novembru 2009, il-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali għandhom attivita oħra.

3.1.6 Minuta 10.1: Is-Sur Anastasi talab li jsir rapport formali.

3.1.7 Minuta 10.2: Wara li s-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-Sinjura Magdalene Scerri ma wrietx daqshekk entużjajżmu li terġa tiġbor ir-reklami, il-Kunsill qabel li japprova spiża ta' €200.

3.2 F'dan l-istadju (7:15pm) is-Sur Camilleri daħal fil-kamra u ħa postu madwar il-mejda.

3.3 Mill-minuti tal-15 ta' Ottubru 2009.

3.3.1 Minuta 1.3: Is-Sindku qalet li bi żvista ma infurmatx lill-Kunsill fuq is-Segretarju tal-Kumitat tal-Ġieħ. Hi qalet li s-Segretarju l-ġdid hu s-Sur Jean Paul Tabone. Is-Sur Sultana qal li ma jafx kif il-kwistjoni tas-Segretarju l-ġdid tħalla pendenti sa llum meta l-Kunsill kien jaf li s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill kien ilu li rreżenja minn Segretarju tal-Kumitat tal-Ġieħ minn Jannar 2009.

Is-Sur Anastasi ilmenta li hu ma kienx jaf min huma n-nominati. Qal ukoll li, skond il-Linji Gwida, fl-assenza tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Segretarju tal-Ġieħ suppost jintgħażel minn fost il-membri allura s-Segretarju l-ġdid tal-Ġieħ huwa illegittimu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ebda membru ma ried joqgħod bħala Segretarju tal-Ġieħ.

Is-Sur Anastasi staqsa meta ingħażel is-Segretarju l-ġdid. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li hu sar jaf b'din il-ħatra fit-13 ta' Ottubru 2009. Wara diskussjoni, il-Kunsill approva l-ħatra ta' Jean Paul Tabone bħala Segretarju tal-Kumitat tal-Ġieħ b'żewġ voti favur (is-Sindku u s-Sur Briffa, vot kontra (is-Sur Anastasi) u erba' astensjonijiet (is-Sinjuri Sultana, Bugeja, Camilleri u Formosa).

Is-Sindku talbet lis-Segretarju Eżekuttiv jaqra r-rapport tal-Ġieħ kif imħejji mis-Segretarju tal-Ġieħ. Is-Sur Camilleri ilmenta li Ġieħ Santa Venera ma kellux jiġi diskuss fl-affarijiet li jitqajjmu mill-minuti iżda f'laqgħa apposta u waħdu.

3.3.2 Minuta 2.7: Is-Sinjuri Sultana u Bugeja ippreżentaw l-Affidavit tagħhom. Is-Sindku qalet li l-istaff klerikali kienu se jieħdu dan l-Affidavit fil-jiem li ġejjin.

3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qara r-rapport tal-Ġieħ u informa lill-Kunsill li dan kien abbozz għax mhux iffirmat. Ir-rapport kien jirrakkomanda li Ġieħ Santa Venera 2009 għandu jingħata lis-Sur Victor Vassallo. Is-Sur Anastasi ma qabilx kif il-Kumitat tal-Ġieħ ta l-voti tiegħu lin-nominati u għax l-osservazzjonijiet ma kienux fuq kull nominat. Fil-fatt il-Kunsill qabel li r-rapport jibgħatu lura lill-Kumitat ħalli jikkoreġih.

Wara diskussjoni twila, is-Sindku ipproponiet sabiex il-Kunsill jaċċetta r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ġieħ. Din il-proposta ġiet sekondata mis-Sur Briffa. Il-Kunsill qabel b'żewġ

voti favur (is-Sindku u s-Sur Briffa) għax iddikkjaraw li għandhom fiduċja fil-bord tal-għażla, żewġ voti kontra (is-Sinjuri Anastasi u Camilleri) għax ma jaqblux kif ingħataw il-marki mill-Kumitat l-aktar fejn meta ġie mkejjel is-sens ċiviku u tlett astensjonijiet (is-Sinjuri Sultana, Bugeja u Formosa). Għalhekk, il-Kunsill qabel li Ġieħ Santa Venera 2009 jingħata lis-Sur Victor Vassallo.

3.5 F'dan l-istadju (8:30pm) is-Sur Bugeja talab li jkun skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

3.6 Is-Sindku talbet is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex il-Kunsill jitratta l-ewwel xogħol tal-Ordnijiet tal-Ġurnata. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

3.7 Is-Sur Anastasi qal li hemm klawsola fil-Linji Gwida li l-Ġieħ jista ma jingħatax.

4.0 Item 9: Ordnijiet tal-Ġurnata

*Rendikont Finanzjarju (sa Settembru 2009)*

4.1 L-accountant ippreżentat ir-rendikont finanzjarju għal dan il-perjodu. Is-Sur Briffa ippropona li r-rendikont ikun approvat. Din il-proposta ġiet sekondata mis-Sur Formosa. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.2 Il-Kunsill qabel li l-kont li għad irid jasal mingħand Central Asphalt Ltd, relatat ma xogħol fi Trejqa Fleur de Lys, jitħallas f'pagamenti kull sitt xhur bl-aħħar pagament ikun f'Jannar 2011.

5.0 Item 3: Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti (kontinwazzjoni)

5.1 Is-Sur Sultana qal li kieku hu kien konxju li l-Ġieħ jista ma jingħatax hu kien jivvota differenti. Għalhekk is-Sinjuri Sultana u Formosa ippropponew Riżoluzzjoni Speċjali sabiex id-deċiżjoni tal-Kunsill li Ġieħ Santa Venera 2009 jingħata lis-Sur Victor Vassallo tiġi mibdula u għal din is-sena l-Ġieħ ma jingħatax. Dan għaliex huma ma jaqblux kif il-Kumitat tal-Ġieħ ta l-marki lil kull nominat. Din ir-Riżoluzzjoni Speċjali ġiet sekondata mis-Sur Anastasi.

Din ir-riżoluzzjoni speċjali għaddiet b'erba' voti favur (is-Sinjuri Anastasi, Sultana, Camilleri u Formosa) u żewġ voti kontra (is-Sindku u s-Sur Briffa). Għalhekk, għal din is-sena, il-Ġieħ mhux se jigħata.

5.2 Is-Sindku talbet is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex il-Kunsill jitratta l-iskeda tal-pagamenti. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

6.0 Item 7: Skeda ta' pagamenti (approvazzjoni)

6.1 L-iskeda għal *cheque payments* (30 ta' Settembru 2009 sas-27 Ottubru 2009) tqassmet lill-Kunsilliera kollha u ġiet approvata. L-iskeda ġiet iffirmata mis-Sinjuri Anastasi u Sultana.

6.2 Is-Sur Sultana staqsa jekk il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ikkonfermawx bil-miktub li m'hemmx spejjeż oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv. Il-Kunsill qabel li jibgħat reminder.

6.3 Is-Sur Formosa tkellem dwar xiri ta' materjal li intuża mill-ħaddiema fl-iskola. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ma kienx jaf b'dan ix-xiri u talab lill-Kunsill jerġa jitkellem fuq dan il-każ meta jasal il-kont relatat.

6.4 Tqassmet ukoll *schedule of receipts* (17 ta' Settembru 2009 sat-13 ta' Ottubru 2009).

6.5 F'dan l-istadju (9:01pm) is-Sur Briffa talab li jkun skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

6.6 Is-Sindku talbet is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex il-Kunsill jitratta il-mistoqsijiet Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

7.0 Item 5: Mistoqsijiet

7.1 Is-Sur Formosa ippreżenta l-mistoqsija tiegħu u s-Sindku wieġbitu bil-miktub (document anness).

8.0 Item 4: Korrispomdenza

8.1 Il-Kunsill tratta din il-korrospondenza:

8.1.1 Estratt mill-minuti tal-Kumitat Konġunt. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li irċevejna €11,747.18 mill-pooling. Is-Sur Sultana ikkummenta li peress li qsim mhux ġust għax mhux kulħadd għandu speed camera.

8.1.2 Giorgiana Mallia re: Skema Aċċessibilita' Aħjar fil-Lokalitajiet. Il-Kunsill innota li rċieva €5,000 fil-ġranet li għaddew u €5000 oħra imwiegħda jekk isir ix-xogħol. Il-Kunsill qabel li jiffirma l-ftehim wara li jkun evalwa r-rapport tal-periti tal-Kunsill.

8.1.3 George Vella re: Proposta ta' tismija ta' Triq Grabiel Bugeja. Il-Kunsill qabel li jagħmel l-aħħar attentat billi jitlob spjegazzjoni għaliex issemmew toroq għal nies inqas ikkwotati.

8.1.4 Vincent Gatt re: Aċċess Triq il-Mastrudaxxi. Il-Kunsill qabel li japplika l-ADT għal ebda dħul ħlief għar-residenti.

8.1.5 Silvio Frendo re: Memo 57/2009 (Ġbir ta' skart). Il-Kunsill innota li jista jkun hemm lok għall-abbużi.

8.1.6 Alex Borg u Sara Fenech re: Triq Lorenzo Gafa flok Trejqa tal-Ferrovija. Il-Kunsill qabel li jitrattta din il-materja f'laqgħa oħra.

8.1.7 26th July Fireworks re: reklam fuq il-kalendarju u ħruq tan-nar. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

9.0 Item 6: Rapporti

9.1 Il-Kunsill iddiskuta r-rapporti tal-Contracts' Manager għax-xahar ta' Settembru 2009.

10.0 Item 8: Ilmenti

10.1 Il-Kunsill tratta dawn l-ilmenti:

10.1.1 (127): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
10.1.2 (128): Il-Kunsill ma qabilx peress li hu każ ta' infurzar.
10.1.3 (129): Il-Kunsill innota li din it-triq qiegħda fil-programm tal-ADT.
10.1.4: (130): Il-Kunsill qabel li jitratta dan il-każ mal-periti tal-Kunsill.
10.1.5 (131): Il-Kunsill innota li din it-triq qiegħda fil-programm tal-ADT.
10.1.6 (132): Il-Kunsill qabel li japplika l-ADT.
10.1.7 (133): Il-Kunsill innota li x-xogħol ġie rimedjat.
10.1.8 (134): Il-Kunsill qabel li japplika l-ADT.
10.1.9 (135): Il-Kunsill qabel li jivverifika mall-kuntrattur li bena l-bankina.
10.1.10 (136): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
10.1.11 (137): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil Mario Mallia.
10.1.12 (138): Il-Kunsill innota li l-Belishia Lights inkwistjoni jinsabu konfini Ħamrun.
10.1.13 (139): Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra.
10.1.14 (140): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
10.1.15 (141): Il-Kunsill qabel li japplika l-ADT.
10.1.16 (142): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
10.1.17 (143): Il-Kunsill qabel li jitratta dan il-każ permezz tal-ħaddiema assenjati.
10.1.18 (144): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
10.1.19 (145): Il-Kunsill qed jitlob aktar informazzjoni.
10.1.20 (146): Il-Kunsill innota li d-distanza mill-kantuniera hi stabbilita.
10.1.21 (147): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil Mario Mallia.
10.1.22 (148): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil Mario Mallia.
10.1.23 (149): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil Mario Mallia.
10.1.24 (150): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil Mario Mallia.
10.1.25 (151): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil Central Asphalt Ltd.
10.1.26 (152): Il-Kunsill qabel li jitratta dan il-każ permezz tal-ħaddiema assenjati.

10.1.27 (153): Il-Kunsill qabel li japplika l-Enemalta.
10.1.28 (154): Il-Kunsill innota li diġa' qiegħed fil-programm tax-xogħol.
10.1.29 (155): Il-Kunsill ma qabilx.
10.1.30 (156): Il-Kunsill qabel li jinforma lil Alberta Ltd.
10.1.31 (157): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil Mario Mallia.
10.1.32 (158): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil Mario Mallia.
10.1.33 (159): Il-Kunsill ma qabilx.
10.1.34 (160): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
10.1.35 (161): Il-Kunsill ma qabilx.
10.1.36 (162): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil Mario Mallia.
10.1.37 (163): Il-Kunsill ma qabilx peress li hi privata.
10.1.38 (164): Il-Kunsill innota li x-xoghol ilu li sar żmien.

10.2 F'dan l-istadju (10:15pm) is-Sur Camilleri talab li jkun skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

11.0 Item 9: Ordnijiet tal-Ġurnata (kontinwazzjoni)

11.1 Il-Patt tas-Sindki

Ir-rapport ġie approvat b'vot unanimu.

11.2 Offerta tal-knis, tindif u qtugħ ta' ħaxix ħażin

Il-Kunsill qabel li jiddiskuti l-offerti wara li jkun ġabar l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha u wara li jkun hemm rakkomandazzjoni mill-Kumitat tal-Finanzi. Għaldaqstant, il-Kunsill approva estensjoni tal-kuntratt eżistenti sal-15 ta' Diċembru 2009.

12.0 Item 10: Aġġornament

12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kwistjoni mal-Enemalta dwar il-kontijiet tad-dawl relatati mas-CCTVs ġiet fi tmiema wara li fl-aħħar, l-Enemalta aċċettaw il-proposta tal-Kunsill. Is-Sur Sultana talab lill-Kunsill sabiex issa japplika għaċ-ċaqlieq tal-belishia lights minn Triq il-Kanun għal Triq Misraħ il-Barrieri, xi ħaġa li kienet diġa' approvata mill-Kunsill iżda miżmuma mill-Enemalta minħabba din il-kwistjoni. Il-Kunsill qabel.

12.2 Il-laqgha intemmet fl-10:22pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 24 ta' Novembru 2009 fis-6pm b'aġenda tkun komunikata aktar tard.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Cassar | Ikkonfermati | Elizabeth Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | 24 ta' Novembru 2009 | Chairperson |